MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru. 13/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**V**

**MICHAEL CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MICHAEL CAMILLERI** bin John u Maria Stella nee Cassar, imwieled nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 1968 u residenti 'Santa Marija’, Triq Viani, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 19868G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-jiem ta’ qabel t-tmintax ta’ Novembru 2004, fl-inhawi maghrufa bhala Qasam SanGorg, limiti tar-Rabat, Ghawdex, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex

jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Joseph Zerafa fil-pussess ta' hwejjgu.
Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz l-okkorrenza relattiva, s-site plan Dok. EV 1 esibita mill-Perit Emanuel Vella.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Perit Valerio Schembri, Carmela Cini, Saviour Cini, Francis Cini, kif wkoll lil imputat Michael Camilleri jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w il-provi tad-difiza John Camilleri, Wigi Formosa, Gejtu Grech, Joseph Buhagiar u Leli Vella.

Ikkunsidrat:

Illi din l-Qorti tirrileva li bhala principju generali tal-proceduri penali, hi l-Prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputati huma veriteri u hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti gharblet il-provi prodotti f'din il-kawza b'mod partikolari ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Dwar l-akkuza, ta' **raggion fattasi**, din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Debrincat** nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004, fejn sostniet li dan r-reat jigi kommess minn min fl-ezercizzju ta' dritt li ghandu [w indipendenti jekk verament ghandux o meno dak d-dritt] ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjeg ta' dak ix-xi hadd ikun qed igawdi. Il-ligi qed tipprotegi mhux d-dritt ta' sid l-proprjeta, mobbli jhew immobbli, izda d-dritt ta' min ikun qieghed effettivament igawdi dik l-proprjeta, jigifieri ta' min jkollu l-pussess materjali taghha [vide **Il-Pulizija v Paul Schembri *deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***].

Illi kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan r-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta'dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni voluntarji fuq proprjeta ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan r-reat biex taghmel

dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu d-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni tal-pussess ta' dak li jkun gia jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att posittiv li jippriva lil terzi, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghaliex kif jghid il-**Carrara** [***Prog. Parte Speciale - Vol 5 - para 2850***]

*"L' atto esterno deve porivare altro contro sua voglia di un bene che gode chi e' nell'attuale godimento di un bene e' continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque perche' la lege protegge lo stato quo, il-quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita gudizziale." [vide* **Il-Pulizija v Eileen Said** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Gunju 2002****].*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li hu harat l-passagg li Joseph Zerafa ghandu bhala access li jghaddi minn fuqu w ghalhekk ipprivah milli jgawdi liberta ta' dan l-access sabiex jghaddi ghal fuq l-ghalqa tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat MICHAEL CAMILLERI hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlieta w disghin (93) Euros.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------